KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
COLLINS
ippreżentati fis-16 ta' Frar 2023[1]

Kawża C-520/21

Arkadiusz Szcześniak
vs
Bank M. SA,
partijiet magħquda:
Rzecznik Praw Obywatelskich,
Rzecznik Finansowy,
Prokurator Prokuratury Rejonowej Warszawa – Śródmieście w Warszawie
Przewodniczący Komisji Nadzoru Finansowego

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta' Varsavja – Śródmieście, Varsavja, il-Polonja))

(Talba għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumatur – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) – Kuntratt ta' self ipotekarju – Klawżoli ta' konverżjoni – Effetti ta' konstatazzjoni li kuntratt ikun null kollu kemm hu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti – Possibbiltà li jitressqu talbiet li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-flus imħallsa – Arrikkiment indebitu – Effett deterrenti – Effettività)

I. Introduzzjoni

1. Sa mill-bidu tal-elfejnijiet, banek fil-Polonja taw għexieren ta' eluf ta' self ipotekarju ddenominat jew aġġustat għall-frank Svizzeru (CHF) lil konsumaturi li kienu qegħdin ifittxu li jixtru proprjetajiet. Minħabba li dan is-self ipotekarju offra lil min jissellef il-benefiċċju ta' rati ta' interessi ħafna iktar baxxi minn dawk applikabbli għal self iddenominat fiż-zloty (PLN), huma kienu mfittxija ħafna. Mal-bidu tal-kriżi finanzjarja globali, ir-rata ta' skambju bejn il-frank Svizzeru u ż-zloty Pollakk iddeterjorat mill-perspettiva tad-detenturi tal-munita tal-aħħar. Eluf ta' persuni li jissellfu, inkluż ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, ressqu azzjonijiet kontra l-banek li kienu ħadu s-self mingħandhom. Huma sostnew quddiem il-qrati Pollakki li l-klawżoli li jipprovdu għall-konverżjoni miż-zloty Pollakk għall-frank Svizzeru u mill-frank Svizzeru għaż-zloty Pollakk (iktar 'il quddiem il-"klawżoli ta' konverżjoni") fil-kuntratti ta' self ipotekarju tagħhom kienu inġusti. F'numru sinjifikattiv ta' kawżi, il-qrati aċċettaw dan l-argument u ddikjaraw il-kuntratt ta' self ipotekarju null kollu kemm hu.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2. Bħala riżultat ta' waħda minn dawn it-tilwimiet, is-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie (il-Qorti Distrettwali, il-Varsavja – Śródmieście, Varsavja, il-Polonja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-partijiet f'kuntratt ta' self ipotekarju konkluż bejn konsumatur u bank li jkun ġie ddikjarat null kollu kemm hu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, jistgħux iressqu talbiet li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-flus imħallsa skont dan il-kuntratt u l-ħlas tal-interessi moratorji fir-rata statutorja mid-data tat-talba għal rimbors.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

3. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur [2] jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

4. Skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

5. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jiddikjara li:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu l-aktar disposizzjonijiet stretti kompatibbli mat-Trattat fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, biex jiżguraw grad massimu ta' protezzjoni għall-konsumatur."

B. Id-dritt Pollakk

6. L-Artikolu 5 tal-ustawa – Kodeks cywilny (Id-Dritt dwar il-Kodiċi Ċivili) tat-23 ta' April 1964 (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ċivili") [3] jipprevedi:

"Dritt ma jistax jiġi eżerċitat b'mod li jkun kuntrarju għall-għan soċjali u ekonomiku tiegħu jew għall-prinċipji ta' koeżistenza tal-komunità. Kwalunkwe tali att jew ommissjoni mid-detentur tad-dritt ma għandux ikun ittrattat bħala eżerċizzju tad-dritt u ma għandux ikun protett."

7. L-Artikolu 58(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddikjara li "tranżazzjoni legali li tmur kontra d-dritt jew hija intiża sabiex tevita d-dritt għandha tkun nulla, sakemm id-dispożizzjoni rilevanti ma tipprevedix mod ieħor, b'mod partikolari li l-klawżoli li ma humiex validi tat-tranżazzjoni legali għandhom jiġu sostitwiti bid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt".

[2] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p.288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100.

[3] Dz. U. tal-1964, Nru 16, entrata 93.

8. Permezz tal-Artikolu 385[1](1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili:

“1. Klawżoli ta’ kuntratt konklużma’ konsumatur li ma ġewx innegozjati b’mod individwali ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-konsumatur jekk id-drittijiet u l-obbligi tiegħu huma stabbiliti b’mod li jmur kontra l-prattika tajba u jiksru b’mod manifest l-interessi tiegħu (klawżoli illegali). Dan ma għandux japplika għal klawżoli li jistabbilixxu l-prestazzjonijiet prinċipali li għandhom jitwettqu mill-partijiet, inklużi dawk relatati mal-prezz jew remunerazzjoni, sakemm dawn huma miktuba b’mod ċar.

2. Jekk klawżola kuntrattwali ma hijiex vinkolanti fuq il-konsumatur skont il-paragrafu 1, il-kuntratt għandu altrimenti jkompli jkun vinkolanti fuq il-partijiet.”

9. L-Artikolu 405 tal-Kodiċi Ċivili jiddikjara:

“Kull persuna li, mingħajr bażi legali, tikseb vantaġġ ekonomiku bi spejjeż ta’ persuna oħra hija meħtieġa li tagħti lura dan il-vantaġġ *in natura* u, fejn dan ma huwiex possibbli, li tirritorna l-valur tiegħu.”

10. L-Artikolu 406 tal-Kodiċi Ċivili jipprevedi:

“L-obbligu li jingħata lura l-vantaġġ ekonomiku għandu jinkludi mhux biss il-vantaġġ miksub direttament, iżda wkoll dak kollu li, jekk tneħħa, intilef jew ġie ddanneġġat, inkiseb bi skambju għall-vantaġġ jew sabiex jiġi rrimedjat id-dannu.”

11. Skont l-Artikolu 410 tal-Kodiċi Ċivili:

“1. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli preċedenti għandhom japplikaw b’mod partikolari għal eżekuzzjoni indebita.

2. Eżekuzzjoni hija indebita jekk il-persuna li wettqitha ma kellha l-ebda obbligu jew ma kellha l-ebda obbligu lejn il-persuna li għaliha hija wettqet l-eżekuzzjoni, jew jekk il-bażi għall-eżekuzzjoni waqfet milli teżisti jew jekk l-għan intiż għall-eżekuzzjoni ma nkisibx jew jekk l-att legali li fuqu l-obbligu li titwettaq l-eżekuzzjoni kien ibbażat ma kienx validu u ma sarx validu minn meta twettqet l-eżekuzzjoni.”

12. Permezz tal-Artikolu 455 tal-Kodiċi Ċivili, “[j]ekk it-terminu għall-eżekuzzjoni ma kienx speċifikat jew jekk ma jirriżultax min-natura tal-obbligu, l-eżekuzzjoni għandha titwettaq immedjatament wara li d-debitur ikun imsejjaħ sabiex iwettaqha”.

13. L-Artikolu 481(1) sa (3) tal-Kodiċi Ċivili jiddikjara:

“1. Jekk debitur huwa tardiv fil-ħlas, il-kreditur jista’ jitlob l-interessi għat-tul kollu tad-dewmien anki jekk il-kreditur ma sofra ebda dannu u anki jekk id-dewmien kien minħabba ċirkustanzi li ma kienx responsabbli għalihom id-debitur.

2. Jekk ir-rata ta’ interessi moratorji ma hijiex speċifikata, l-interessi moratorji legali għandhom ikunu pagabbli b’rata li tikkorrispondi għas-somma tar-rata ta’ referenza tal-Bank Nazzjonali tal-Polonja miżjuda b’5.5 punti perċentwali. Madankollu, fejn it-talba jkun fiha interessi b’rata ogħla, il-kreditur jista’ jitlob l-interessi moratorji skont din ir-rata ogħla.

[…]

3. Fil-każ ta' nuqqas min-naħa tad-debitur, il-kreditur jista' jitlob ukoll li d-dannu jkun irrimedjat fuq termini ġenerali."

III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari mressqa għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. Fil-25 ta' Lulju 2008, Arkadiusz Szcześniak (A.S). u l-konjuġi tiegħu, E.S., żewġ konsumaturi, ikkonkludew kuntratt ta' self ipotekarju ma' Bank M., bank Pollakk, fis-somma ta' PLN 329 707.24 (madwar EUR 73 000), għall-finijiet tal-bini ta' dar. It-tul tas-self, li kien pagabbli lura permezz ta' menswalitajiet ugwali, kien ta' 336 xahar. Ir-rata ta' interessi varjabbli fuq is-self kienet stabbilita bħala s-somma tal-punt ta' riferiment ta' tliet xhur ta' LIBOR tal-frank Svizzeru u l-marġni fiss tal-bank.

15. L-ammont ta' self kien iddenominat u maħruġ fi zloty Pollakk. Dan l-ammont kien aġġustat għall-frank Svizzeru wara konverżjoni skont ir-rata ta' xiri tal-frank Svizzeru ppubblikata fit-tabella tar-rati ta' skambju li kienet fis-seħħ fil-bank fid-data tal-ħruġ tas-self. Il-menswalitajiet tas-self kellhom jitħallsu fiż-zloty Pollakk wara konverżjoni skont ir-rata ta' bejgħ tal-frank Svizzeru ppubblikata fit-tabella tar-rati ta' skambju tal-bank li tkun fis-seħħ fid-data li jiġu dovuti l-menswalitajiet tas-self. Dawn il-klawżoli ta' konverżjoni ttieħdu minn kuntratt standard użat mill-bank. Fis-6 ta' Settembru 2011, il-partijiet emendaw il-kuntratt ta' self ipotekarju sabiex jippermetti lil A.S. u E.S. iħallsu l-menswalitajiet tas-self direttament fil-frank Svizzeru.

16. A.S. u E.S. ħallsu regolarment il-menswalitajiet tas-self meta kienu jiġu dovuti.

17. Fil-31 ta' Mejju 2021, A.S. ressaq azzjoni kontra Bank M. quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn talab il-ħlas tas-somma ta' PLN 3 660.76 (madwar EUR 800), kif ukoll l-interessi moratorji legali mit-8 ta' Ġunju 2021 sad-data tal-ħlas ta' din is-somma [4]. Huwa sostna li l-kuntratt ta' self ipotekarju inkwistjoni fih klawżoli inġusti li jrenduh null kollu kemm hu. Bħala konsegwenza, Bank M. kienet irċeviet il-menswalitajiet tas-self mingħajr l-ebda bażi legali. Fil-perijodu minn Ġunju sa Settembru 2011 b'mod partikolari, il-bank irċieva, mingħandu u l-konjuġi tiegħu, menswalitajiet tas-self li jammontaw għal PLN 7 769.06 (madwar EUR 1 700). Peress li użat dan l-ammont fil-perijodu minn Ottubru 2011 sa Diċembru 2020, Bank M. għamlet profitt ta' PLN 7 321.51 (madwar EUR 1 600) [5]. A.S. jikkalkula dan l-ammont permezz ta' riferiment għar-rata ta' interessi medja ta' kuntratti ta' self fiż-zloty Pollakk mogħtija lil familji għal self lill-konsumaturi [6].

[4] A.S. jitlob ukoll rimbors tal-menswalitajiet tas-self mħallsa kollha. Din it-talba ma hijiex is-suġġett tat-tilwima fil-proċeduri li minnhom saret din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

[5] A.S. jitlob il-ħlas tan-nofs tal-ammont ta' PLN 7 321.51, in-nofs l-ieħor imur għall-konjuġi tiegħu, li ma hijiex parti mit-tilwima fil-kawża prinċipali.

[6] A.S. iressaq tliet metodi alternattivi għall-kalkolu tal-ammont li huwa jitlob minn Bank M. L-ewwel, ir-rata ta' interessi medja ta' kuntratti ta' self fiż-zloty Pollakk mogħtija lil familji għax-xiri ta' proprjetà residenzjali (PLN 3 472.35; madwar EUR 764). It-tieni, ir-rata ta' interessi medja fuq depożiti tal-familji (PLN 1 553.82; madwar EUR 342). It-tielet, l-aġġustament tal-evoluzzjoni tal-valur tax-xiri tal-flus fis-snin 2011 sa 2020 (PLN 963.37; madwar EUR 212). A.S. jiddikjara li l-fatti li ġejjin jistgħu jkunu ta' bażi għat-talba tiegħu kontra Bank M.: it-trasferiment tal-flus lill-bank, it-tnaqqis fil-valur tax-xiri tal-flus ittrasferiti, it-telf tal-abbiltà li juża flusu u l-użu ta' flusu minn Bank M.

18. Bank M. issostni li l-azzjoni ta' A.S. għandha tiġi miċħuda bħala infondata. Hija ssostni li l-kuntratt ta' self ipotekarju inkwistjoni ma fihx klawżoli inġusti u għalhekk huwa validu. Fil-każ li l-kuntratt jitqies li huwa null, il-bank, mhux il-konsumatur, ikollu dritt għal talba għall-użu tal-flus irċevuti.

19. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, bħala kwistjoni ta' dritt domestiku, klawżoli ta' konverżjoni f'kuntratt ta' self tat-tip li dwaru jilmenta A.S. huma inġusti u illegali. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Dziubak[7], l-inklużjoni ta' dawn il-klawżoli f'kuntratt ta' self twassal għall-annullament ta' dan il-kuntratt kollu kemm hu. Dan l-annullament jaħdem *ex tunc*, sabiex is-servizzi kollha pprovduti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt għandhom jitħallsu lura, skont l-Artikolu 405 tal-Kodiċi Ċivili, moqri flimkien mal-Artikolu 410(1) ta' dan il-kodiċi. Bank għalhekk jista' jitlob lil min jissellef sabiex iħallas lura l-kapital tas-self filwaqt li min jissellef jista' jitlob il-ħlas lura tal-menswalitajiet tas-self, inkluż l-ispejjeż bħal kummissjonijiet, miżati amministrattivi u primjums tal-assigurazzjoni. Kull parti tista' wkoll teħtieġ li l-parti l-oħra tħallas l-interessi moratorji legali mid-data ta' intimazzjoni[8].

20. Il-kwistjoni li tqum fil-kuntest tat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju hija jekk il-partijiet f'kuntratt li ġie ddikjarat null humiex intitolati li jressqu talbiet oħra, inkluż remunerazzjoni, kumpens, ħlas lura tal-ispejjeż jew aġġustament tal-ammonti mħallsa, minħabba l-użu tal-flus għal ċertu perijodu ta' żmien mingħajr l-ebda bażi legali. Din il-kwistjoni u, b'mod partikolari, il-bażi legali possibbli għal dawn it-talbiet huma s-suġġett ta' kontroversja fil-ġurisprudenza domestika u fost kummentaturi Pollakki. Il-bażijiet legali għal dawn it-talbiet li huma invokati l-iktar frekwentement huma jew l-Artikolu 405 tal-Kodiċi Ċivili (arrikkiment indebitu) jew din id-dispożizzjoni moqrija flimkien mal-Artikolu 410(1) tal-Kodiċi (eżekuzzjoni indebita). Il-kunċett ta' "eżekuzzjoni indebita" u, *a fortiori*, dak ta' "arrikkiment indebitu", huma kunċetti relattivament wiesa' li jkopru medda wiesgħa ta' kwistjonijiet, li potenzjalment jinkludu talbiet fir-rigward tal-użu ta' flus mingħajr bażi kuntrattwali[9]. Il-qorti tar-rinviju tiddikjara li l-parti l-kbira tal-kummentaturi Pollakki, istituzzjonijiet nazzjonali u qrati nazzjonali jiċħdu l-possibbiltà li jitressqu dawn it-talbiet, filwaqt li jiddikjaraw li, sa issa, id-deċiżjonijiet ta' dawn il-qrati jikkonċernaw talbiet li tressqu mill-banek, mhux minn min jissellef. Ir-*ratio legis* mogħti għad-deċiżjonijiet li t-talbiet tal-banek jiġu miċħuda huwa li, kieku, dan tal-aħħar jinvalida l-funzjoni protettiva tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw klawżoli inġusti jew l-għan ta' dawk li jeħtieġu l-annullament tal-kuntratti li fihom dawn il-klawżoli. Il-qorti tar-rinviju għaldaqstant tikkunsidra li d-dritt nazzjonali ma jipprovdix tweġiba ċara għall-mistoqsija dwar jekk, fejn flus jitħallsu skont kuntratt li ġie sussegwentement iddikjarat null, l-użu ta' dawn il-flus fl-assenza ta' xi bażi kuntrattwali jistax jifforma l-bażi ta' talba skont il-liġi.

21. Il-qorti tar-rinviju hija inċerta dwar jekk id-disponibbiltà ta' azzjoni ta' din in-natura hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 u l-prinċipji ta' effettività, proporzjonalità u ċertezza legali. Hija tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effetti ta' konstatazzjoni li klawżoli inklużi fil-kuntratti konklużi mal-konsumatur huma inġusti u dwar id-drittijiet li għandhom il-partijiet f'dan il-kuntratt f'dawn iċ-ċirkustanzi[10]. Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-Qorti

7 Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819).

8 Ara l-Artikolu 481(1) u (2) u l-Artikolu 455 tal-Kodiċi Ċivili.

9 Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju tuża l-espressjoni "użu tal-kapital mingħajr bażi kuntrattwali" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. L-espressjoni "użu tal-fondi mingħajr bażi kuntrattwali" tidhirli li hija iktar xierqa, minħabba li tapplika għaċ-ċirkustanzi ta' min jissellef u tal-bank.

10 Il-qorti tar-rinviju tiċċita s-sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punti 83 u 84); tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punti 61 u 62); u tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak (C-260/18, EU:C:2019:819, punt 43).

tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx dwar jekk il-partijiet f'kuntratt konkluż mill-konsumatur li ġie ddikjarat null minħabba nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 humiex intitolati li jressqu talbiet oħra li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-flus imħallsa skont dan il-kuntratt. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tatx deċiżjoni dwar jekk il-partijiet jistgħux jitolbu kumpens għall-użu tal-flus mingħajr bażi kuntrattwali, it-telf ta' possibbiltà li jiksbu profitti minħabba l-inabbiltà temporanja li jużaw flushom, l-ispejjeż finanzjarji u organizzattivi tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, u t-tnaqqis fil-valur tax-xiri tal-flus mal-mogħdija taż-żmien. Sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat talbiet simili, din l-eżaminazzjoni saret fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-direttivi fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur minbarra d-Direttiva 93/13 jew fil-kuntest tal-eżerċizzju mill-konsumatur tad-dritt tiegħu li jirtira mill-kuntratt.

22. Skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 u l-prinċipju ta' effettività jipprekludu lil bank milli jressaq xi talba kontra konsumatur b'rabta mal-użu minn dan tal-aħħar tal-kapital tas-self jew spejjeż li l-bank ġarrab fil-ġestjoni tas-self. It-talba tal-bank hija limitata għall-ħlas lura tas-somom li huwa ħareġ kif ukoll, possibbilment, tal-interessi moratorji legali. Li kieku kien mod ieħor, il-bank kien jikseb vantaġġ mill-introduzzjoni tiegħu ta' klawżoli inġusti fil-kuntratt ta' self u l-parteċipazzjoni tiegħu f'aġir li jmur kontra l-*bona fide* u l-moralità. Tali approċċ kieku jżomm lura wkoll lil konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 93/13 minħabba li dan ikun jista' jwassal għal konsegwenzi negattivi, bħal li persuna tkun responsabbli li tikkumpensa lill-bank għall-użu tal-kapital tas-self.

23. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-fatt li tingħata l-possibbiltà lil konsumatur sabiex iressaq talbiet kontra bank li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-menswalitajiet imħallsa u mill-ispejjeż bħall-kummissjonijiet, miżati amministrattivi, primjums tal-assigurazzjoni, kif ukoll, possibbilment, mill-interessi moratorji legali, ma jiksirx il-prinċipju ta' effettività. Li jiġu aċċettati dawn it-talbiet ikun, madankollu, kontra l-għan tad-Direttiva 93/13, li huwa sabiex bejjiegħa jew fornituri jiġu skoraġġuti milli jużaw klawżoli inġusti u, fejn jagħmlu dan, sabiex ikunu meħtieġa li jħallsu lura lill-konsumaturi l-ħlas irċevut bħala riżultat ta' dan, u responsabbiltà għal kwalunkwe ħaġa lil hinn min dan tkun sproporzjonata u eċċessiva. Din tkun ukoll f'kunflitt mal-prinċipju ta' ċertezza legali. Fejn kuntratt ta' self ikun null kollu kemm hu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, dan il-prinċipju jaħdem b'dan il-mod sabiex jillimita t-talbiet tal-partijiet għall-ħlasijiet magħmula b'rabta mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

24. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie (il-Qorti Distrettwali ta' Varsavja – Śródmieście, Varsavja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-[Direttiva 91/13] u l-prinċipji ta' effettività, ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni ġudizzjarja tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li skontha, fil-każ li kuntratt ta' kreditu konkluż bejn bank u konsumatur ikun null minħabba li fih hemm inklużi klawżoli kuntrattwali inġusti, il-partijiet jistgħu, minbarra r-rimbors tal-flus imħallsa fl-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt (il-bank – il-kapital tal-kreditu, u l-konsumatur – il-menswalitajiet, l-ispejjeż, il-kummissjonijiet u l-primjums

tal-assigurazzjoni) kif ukoll l-interessi moratorji legali mill-mument tat-tfakkira għall-ħlas, jitolbu wkoll xi benefiċċji oħra, fosthom somom dovuti (b'mod partikolari remunerazzjoni, kumpens, ħlas lura tal-ispejjeż jew aġġustament tal-benefiċċju) abbażi tal-fatt li:

(1) il-persuna li twettaq il-ħlas monetarju ġiet temporanjament imċaħħda mill-possibbiltà li tagħmel użu minn flusha, u b'hekk tilfet il-possibbiltà li tinvesti l-flus u bis-saħħa ta' dan tikseb profitti,

(2) il-persuna li twettaq il-ħlas monetarju ġarrbet l-ispejjeż relatati mal-ġestjoni tal-kuntratt ta' kreditu u mat-trasferiment tal-flus lill-parti l-oħra,

(3) il-persuna li tirċievi l-ħlas monetarju kisbet il-benefiċċju li temporanjament setgħet tuża l-flus ta' ħaddieħor, fost oħrajn setgħet tinvestihom u bis-saħħa ta' dan tikseb profitti,

(4) il-persuna li tirċievi l-ħlas monetarju temporanjament kellha l-possibbiltà li tuża l-flus ta' ħaddieħor mingħajr ħlas, liema fatt kien ikun impossibbli taħt il-kundizzjonijiet tas-suq,

(5) il-valur tax-xiri tal-flus naqas mal-mogħdija taż-żmien, u dan ifisser telf reali għall-persuna li twettaq il-ħlas monetarju,

(6) it-tqegħid għad-dispożizzjoni temporanja tal-flus għal użu jista' jiġi ttrattat bħala t-twettiq ta' servizz li għalih il-persuna li twettaq il-ħlas monetarju ma kisbitx remunerazzjoni?"

25. A.S., Bank M., ir-Rzecznik Praw Obywatelskich (il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Polonja), ir-Rzecznik Finansowy (l-Ombudsman Finanzjarju, il-Polonja), il-Prokurator Prokuratury Rejonowej Warszawa – Śródmieście w Warszawie (il-Prosekutur Pubbliku ta' Varsavja – id-Distrett ta' Śródmieście, il-Polonja), il-Gvern Pollakk u l-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022, dawn il-partijiet, flimkien mal-Przewodniczący Komisji Nadzoru Finansowego (il-President tal-Bord tal-Awtorità ta' Superviżjoni Finanzjarja Pollakka) ippreżentaw argument orali u wieġbu għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Analiżi

A. Ammissibbiltà

26. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, sa fejn hija titlob gwida fir-rigward tat-talbiet imressqa mill-konsumaturi u mill-banek, hija fformulat id-domanda preliminari f'termini ġenerali. Minkejja li t-tilwima quddiemha tikkonċerna talba mressqa minn konsumatur, u mhux minn bank, hija tikkunsidra li d-domanda preliminari magħmula hija ammissibbli għat-tliet raġunijiet li ġejjin.

27. L-ewwel, kuntratt li jkun iddikjarat null fid-dritt Pollakk jitqies li qatt ma ġie konkluż, u għaldaqstant kull wieħed mill-partijiet fil-kuntratt għandu jħallas lura kull ħlas magħmul skontu. Fi proċeduri tal-qorti fejn jintalab il-ħlas lura tal-pagamenti magħmula skont kuntratt ta' self li ma huwiex validu, il-banek ħafna drabi jressqu eċċezzjoni ta' żamma jew tpaċija [11] fuq il-bażi li huma

[11] Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Prosekutur Pubbliku ta' Varsavja – Distrett ta' Śródmieście jiddikjara li hemm probabbiltà qawwija li Bank M. tressaq waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet f'din il-kawża.

għandhom talba kontra l-konsumatur għall-ħlas lura tas-self prinċipali. Din l-eċċezzjoni tista' titressaq fi kwalunkwe mument sat-tmiem tas-smigħ tal-proċeduri fit-tieni istanza. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari magħmula fir-rigward tat-talba mressqa mill-konsumatur biss, huwa probabbli li ssir it-tieni domanda preliminari fuq talba simili mressqa mill-bank fi stadju iktar tard fil-proċeduri, u għalhekk tittawwal il-kontenzjoni b'mod indebitu [12]. Il-ġustifikazzjoni li l-bank jipprovdi għat-talba, għalkemm allegata, tiegħu kontra l-konsumatur għar-remunerazzjoni tal-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali għalhekk ma hijiex ipotetika.

28. It-tieni, il-fehma prevalenti fil-ġurisprudenza domestika hija li, f'azzjoni għar-restituzzjoni bbażata fuq arrikkiment indebitu, il-qorti adita bil-kawża ma tistax tillimita lilha nnifisha sabiex teżamina l-merti tat-talba tar-rikorrent filwaqt li tinjora talba identika li l-intimat jista' jressaq, anki jekk l-ewwel waħda biss minn dawn it-talbiet hija effettivament quddiemha. Dan huwa għaliex fejn il-partijiet jagħmlu ħlas indebitu tal-istess natura (pereżempju, pagamenti bl-istess munita), li jirriżulta mill-istess relazzjoni legali (pereżempju, kuntratt ta' self null), il-parti biss li rċeviet l-ogħla ammont hija kkunsidrata li ġiet arrikkita b'mod inġust. Kwalunkwe arrikkiment indebitu għalhekk jikkonsisti fid-differenza bejn iż-żewġ ammonti kontenzjużi.

29. It-tielet, il-banek fil-Polonja jesprimu pubblikament il-fehma li konsumaturi li jressqu azzjonijiet sabiex jannullaw kuntratti ta' kreditu li fihom ikun hemm inklużi klawżoli inġusti ser isofru konsegwenzi negattivi estensivi minħabba li fil-każ li dawn l-azzjonijiet jirnexxu, ser ikunu meħtieġa jħallsu remunerazzjoni għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali u jħallsu lura ċerti spejjeż. Dawn il-konsegwenzi finanzjarji jżommu lura lil ħafna konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 93/13. Tweġiba ċara mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-kwistjoni dwar jekk il-banek humiex intitolati li jressqu dawn it-talbiet hija għalhekk essenzjali sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-drittijiet tal-konsumaturi fil-Polonja.

30. Skont ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża, u li tassumi responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi preliminari li hija tagħmel. Konsegwentement, fejn id-domandi preliminari magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni. Isegwi li domandi li jikkonċernaw id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss fejn ikun jidher b'mod pjuttost manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma jkollha l-ebda rabta mal-fatti attwali tal-azzjoni prinċipali jew mal-għan tagħha, fejn il-problema hija ipotetika, jew fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt jew ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li sarulha [13].

31. Fil-fehma tiegħi, din il-kawża ma taqa' fl-ebda waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet fejn il-preżunzjoni tar-rilevanza tista' tkun ikkonfutata.

[12] Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2022 ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Diċembru 2022 (Kawża C-756/22), is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali, Varsavja, il-Polonja), wara azzjoni minn Bank M. kontra A.S. u E.S. dwar l-istess ftehim ta' self ipotekarju, għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda fformulata f'termini kważi identiċi għal dawk tad-domanda magħmula f'din il-kawża.

[13] Sentenza tat-13 ta' Ottubru 2022, Baltijas Starptautiskā Akadēmija u Stockholm School of Economics f'Riga (C-164/21 u C-318/21, EU:C:2022:785, punti 32 u 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32. Huwa veru li t-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju ma għandhiex bħala s-suġġett tagħha b'mod dirett talba minn bank kontra konsumatur għar-remunerazzjoni għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali. L-ispjegazzjonijiet li tipprovdi l-qorti tar-rinviju jiżvelaw li, sabiex tiddeċiedi dwar it-tilwima li hija adita biha, hija għandha teżamina, mill-perspettiva tal-konsumatur u tal-bank, il-konsegwenzi tan-nullità tal-kuntratt ta' self ipotekarju fir-rigward ta' talbiet li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-flus imħallsa skambjati skont il-kuntratt. Barra minn hekk, fis-seduta, Bank M. iddikjarat li hija ressqet din it-talba kontra A.S. f'azzjoni separata, li hija sospiża sakemm tingħata deċiżjoni f'din il-kawża mill-qorti tar-rinviju. Jiena naqsam ukoll il-fehma tal-Gvern Pollakk li l-kjarifika mitluba mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tat-talbiet imressqa mill-banek kontra l-konsumaturi għar-remunerazzjoni għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali hija neċessarja sabiex tippermetti lil din il-qorti sabiex tevalwa l-konsegwenzi sħaħ tar-rikors ta' A.S. sabiex jiġi annullat il-kuntratt ta' self ipotekarju.

33. Isegwi li, fil-fehma tiegħi, id-domandi preliminari magħmula għandhom relazzjoni diretta mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Għalhekk ma hijiex ipotetika fir-rigward ta' talbiet imressqa mill-banek kontra konsumaturi għar-remunerazzjoni għall-użu ta' kapital ta' self mingħajr bażi kuntrattwali. Id-deċiżjoni tar-rinviju fiha l-punti fattwali u ġuridiċi kollha neċessarji sabiex tingħata risposta għad-domanda preliminari magħmula. Jiena għalhekk nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li d-domanda preliminari hija ammissibbli kollha kemm hi.

34. Din il-konklużjoni ma tinbidilx mis-sottomissjoni ta' Bank M fis-sens li l-effetti tan-nullità ta' kuntratt huma kwistjonijiet tad-dritt nazzjonali li ma jaqgħux fil-portata tad-Direttiva 93/13. Bank M. tosserva, b'mod partikolari, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt Pollakk li jirregolaw, *inter alia*, talbiet hekk imsejħa "talbiet komplementari" (Artikolu 224 u Artikolu 225 tal-Kodiċi Ċivili [14]), responsabbiltà delittwali (Artikolu 415 tal-Kodiċi Ċivili [15]), l-hekk imsejjaħ "aġġustament tal-ħlas monetarju" (Artikolu 358[1] (3) tal-Kodiċi Ċivili [16]) jew arrikkiment indebitu (Artikolu 405 u Artikolu 410 tal-Kodiċi Ċivili).

35. Skont ġurisprudenza stabbilita, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li għandha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali jew sabiex tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni tal-qorti tar-rinviju ta' dawn id-dispożizzjonijiet hijiex korretta, għaliex din l-interpretazzjoni taqa' fil-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati nazzjonali [17]. Fortunatament id-domanda kif ifformulata mill-qorti tar-rinviju

[14] Skont l-Artikolu 224(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili:
"1. Pussessur awtonomu fil-*bona fide* ma għandux ikun obbligat li jħallas għall-użu tal-oġġett u ma għandu jkun responsabbli la għad-deprezzament u lanqas għad-deterjorament jew telf tiegħu. Huwa jakkwista sjieda tal-profitti naturali li sseparaw mill-oġġett waqt il-pussess tiegħu, u jżomm il-profitti ċivili li rriżultaw, jekk matul dan iż-żmien saru dovuti u pagabbli.
2. Madankollu, mill-mument li fih il-pussessur awtonomu li jaġixxi f'*bona fide* jsir jaf li tressqet azzjoni kontrih għaċ-ċessjoni tal-oġġett, huwa għandu jkun obbligat li jħallas għall-użu tal-oġġett u għandu jkun responsabbli għad-deprezzament, deterjorament jew telf tiegħu, sakemm id-deterjorament jew telf seħħ mingħajr ebda ħtija tiegħu. Huwa għandu jkun obbligat li jirritorna l-profitti li rriżultaw mill-mument li huwa ma kkonsmax u sabiex iħallas għall-valur ta' dawk li huwa uża."
L-Artikolu 225 tal-Kodiċi Ċivili jiddikjara:
"L-obbligi ta' pussessur awtonomu li jaġixxi f'*mala fide* lejn is-sid għandhom ikunu l-istess bħal dawk ta' pussessur awtonomu li jaġixxi f'*bona fide* mill-mument li fih dan tal-aħħar isir jaf li tressqet azzjoni kontrih għaċ-ċessjoni tal-oġġett. Madankollu, pussessur awtonomu li jaġixxi f'*mala fide* għandu jkun obbligat b'mod ulterjuri sabiex jirritorna l-valur tal-profitti li huwa naqas mill jikseb minħabba ġestjoni ħażina, u għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe deterjorament u telf tal-oġġett ħlief jekk l-oġġett kien xorta waħda jiddeterjora jew jintilef li kieku kien fil-pussess tad-detentur tad-dritt".

[15] L-Artikolu 415 tal-Kodiċi Ċivili jipprevedi li "kull individwu li jikkawża dannu lil persuna oħra għandu l-obbligu li jirrimedja dan id-dannu". Skont l-Artikolu 361(2) ta' dan il-kodiċi, persuni mġarrba jistgħu jitolbu kumpens mhux biss għat-telf reali (*damnum emergens*), iżda wkoll għat-telf tal-profitti (*lucrum cessans*).

[16] Skont l-Artikolu 358[1](3) tal-Kodiċi Ċivili, "fil-każ ta' bidla sinjifikattiva fil-valur tax-xiri tal-flus wara li jirriżulta l-obbligu, il-qorti tista', wara li tikkunsidra l-interessi tal-partijiet, u skont il-prinċipji ta' koeżistenza tal-komunità, tibdel l-ammont jew il-mod tal-eżekuzzjoni monetarja, anki jekk dan kien ġie stabbilit f'deċiżjoni tal-qorti jew f'kuntratt".

[17] Sentenza tat-3 ta' Lulju 2019, UniCredit Leasing (C-242/18, EU:C:2019:558, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iktar partikolarment tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 u l-prinċipji tal-Unjoni ta' effettività, ċertezza legali u proporzjonalità, li hija kjarament fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-qorti tar-rinviju ma tistaqsix lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprovdi gwida dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu jkunu bbażati fuqhom it-talbiet tal-konsumaturi u tal-banek li għalihom tirreferi d-deċiżjoni tar-rinviju, iżda pjuttost sabiex tindika jekk din id-direttiva u dawn il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni jippermettux li jitressqu dawn it-talbiet. Kif jispjega l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet, regolament nazzjonali dwar il-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tiggarantixxi lill-konsumaturi la jista' jbiddel il-portata u lanqas is-sustanza ta' din il-protezzjoni.

B. Il-mertu

36. Id-domanda tal-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 u l-prinċipji ta' effettività, ċertezza legali u proporzjonalità għandhomx ikunu interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fis-sens li, fejn kuntratt ta' self konklużbejn konsumatur u bank jiġi ddikjarat null kollu kemm hu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, il-partijiet jistgħu jressqu talbiet kontra xulxin li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-flus imħallsa skont dan il-kuntratt u l-ħlas ta' interessi moratorji.

1. Osservazzjonijiet preliminari

37. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ripetutament li s-sistema ta' protezzjoni li tintroduċi d-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinstab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fir-rigward tal-bejjiegħ jew tal-fornitur, f'dak li jirrigwarda kemm is-setgħa ta' negozjar tiegħu kif ukoll il-livell ta' għarfien tiegħu. Dan iwassal sabiex il-konsumatur jaderixxi mal-kundizzjonijiet imfassla minn qabel mill-bejjiegħ jew mill-fornitur mingħajr ma jkun jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut tagħhom [18].

38. Minħabba l-inferjorità tal-pożizzjoni tal-konsumatur, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 jipprojbixxi klawżoli kuntrattwali standard li, għall-kuntrarju tar-rekwiżit tal-*bona fide*, jikkawżaw nuqqas ta' bilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt, għad-detriment tal-konsumatur. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprevedi li klawżoli inġusti ma humiex vinkolanti fuq il-konsumaturi.

39. Id-Direttiva 93/13, kif jidher mill-Artikolu 7(1) tagħha, moqri flimkien mal-premessa erbgħa u għoxrin tagħha, tobbliga lill-Istati Membri sabiex jipprevedu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiġi prekluż l-użu kontinwu ta' klawżoli inġusti inklużi fil-kuntratti li bejjiegħa jew fornituri jikkonkludu mal-konsumaturi. Malli klawżola tkun iddikjarata inġusta u għalhekk nulla, huwa għall-qorti nazzjonali purament u sempliċement sabiex teskludi l-applikazzjoni ta' din il-klawżola sabiex ma tipproduċix effetti vinkolanti fuq il-konsumatur, sakemm dan tal-aħħar ma joġġezzjonax [19]. Isegwi li klawżola kuntrattwali deċiża bħala inġusta għandha titqies, bħala prinċipju, li qatt ma eżistiet, b'mod illi hija ma jista' jkollha ebda effett fuq il-konsumatur. Il-konstatazzjoni ta' qorti li din il-klawżola hija inġusta għandha, bħala prinċipju, ikollha l-konsegwenza li tpoġġi lill-konsumatur fis-sitwazzjoni legali u fattwali li kien jinstab fiha li kieku din il-klawżola ma kinitx teżisti [20].

[18] Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria and Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 49).

[19] Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance (C-776/19 sa C-782/19, EU:C:2021:470, punt 36).

[20] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punt 61).

40. B'mod partikolari, l-obbligu għall-qorti nazzjonali sabiex teskludi klawżola kuntrattwali inġusta li timponi l-ħlas ta' somom li jirriżulta li ma humiex dovuti, jimponi dover restitutorju fir-rigward ta' dawn l-istess ammonti. L-assenza ta' restituzzjoni tippreġudika l-effett dissważiv tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) tagħha [21].

41. Għalkemm l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jeżiġi li l-Istati Membri jipprevedu li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumatur, "kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom", regolament nazzjonali tal-protezzjoni ggarantita lill-konsumaturi minn din id-direttiva ma jistax ibiddel il-portata u, konsegwentement, is-sustanza ta' din il-protezzjoni. Huwa, konsegwentement, għall-Istati Membri sabiex jiddefinixxu r-regoli ddettaljati skont liema għandha tiġi stabbilita n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali u l-effetti legali ta' din il-konstatazzjoni. Din il-konstatazzjoni għandha dejjem tippermetti li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni fid-dritt u fil-fatt li kien ikun fiha l-konsumatur li kieku l-klawżola inġusta ma kinitx eżistiet billi, *inter alia*, jinħoloq dritt għall-ħlas lura ta' benefiċċji miksuba indebitament, għad-detriment tal-konsumatur, mill-bejjiegħ jew mill-fornitur abbażi tal-imsemmija klawżola inġusta [22].

42. Fir-rigward tal-effetti għall-validità ta' kuntratt ta' konstatazzjoni li xi wħud mill-klawżoli tiegħu huma inġusti, permezz tat-tieni parti tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 "l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti". L-għan ta' din id-dispożizzjoni ma huwiex li tannulla l-kuntratti kollha li fihom hemm inklużi klawżoli inġusti, iżda li jiġi stabbilit mill-ġdid il-bilanċ bejn il-partijiet filwaqt li tinżamm bħala prinċipju l-validità tal-kuntratt b'mod ġenerali [23]. Bħala prinċipju, il-kuntratt inkwistjoni jkompli jeżisti mingħajr ebda modifika ħlief dak li teħtieġ it-tneħħija tal-klawżoli inġusti, sa fejn, skont id-dritt domestiku, din it-tkomplija hija legalment possibbli, li għandu jiġi vverifikat b'mod oġġettiv [24].

43. Jidher mid-deċiżjoni tar-rinviju li, bħala kwistjoni tad-dritt Pollakk, it-tneħħija ta' klawżoli ta' konverżjoni inġusti minn kuntratt ta' kreditu twassal għall-annullament ta' dan il-kuntratt kollu kemm hu, minħabba li ma jkunx jista' jkompli jeżisti mingħajr dawn il-klawżoli, u li dan l-annullament jaħdem *ex tunc*.

44. Id-Direttiva 93/13 ma tipprevedix il-konsegwenzi ta' konstatazzjoni li kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ma jeżistix legalment wara t-tneħħija tal-klawżoli inġusti inklużi fih. L-ebda dispożizzjoni ta' din id-direttiva ma teħtieġ li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-partijiet sabiex iressqu talbiet kontra xulxin li jmorru lil hinn mir-restituzzjoni tas-somom imħallsa indebitament abbażi tal-klawżola kuntrattwali inġusta. Kif A.S., il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Ombudsman Finanzjarju, il-Gvern Pollakk u l-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni jiddikjaraw b'mod korrett, huwa għall-Istati Membri, permezz tad-dritt nazzjonali tagħhom, sabiex jiddeterminaw dawn il-konsegwenzi b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni [25].

[21] *Ibid*., punti 62 u 63.

[22] *Ibid*., punti 64 sa 66.

[23] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2019, Dunai (C-118/17, EU:C:2019:207, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[24] *Ibid*., punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li t-tieni parti tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma tistabbilixxix il-kriterji li bihom kuntratt jista' jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti, iżda minflok tħalli f'idejn l-ordinament ġuridiku nazzjonali sabiex jiddetermina dawn il-kriterji b'mod konsistenti mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak, C-260/18, EU:C:2019:819, punt 40).

[25] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' April 2021, Bank BPH (C-19/20, EU:C:2021:341, punt 84), u tat-2 ta' Settembru 2021, OTP Jelzálogbank *et* (C-932/19, EU:C:2021:673, punt 49).

45. Id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment għal żewġ sitwazzjonijiet distinti, li jiddependu minn jekk it-talba tressqitx minn, jew kontra, konsumatur. Ser neżamina ż-żewġ sitwazzjonijiet b'mod separat fid-dawl tal-prinċipji li indikajt.

2. It-talba tal-konsumatur kontra l-bank

46. A.S. isostni, essenzjalment, li huwa intitolat għal remunerazzjoni minn Bank M. għall-użu ta' din tal-aħħar ta' parti mill-menswalitajiet li huwa ħallas fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' self ipotekarju.

47. Id-Direttiva 93/13 għandha l-għan li tipprovdi lill-konsumaturi livell għoli ta' protezzjoni [26]. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja deskritta fil-punti 39 sa 41 ta' dawn il-konklużjonijiet tagħmilha ċara li dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat, *inter alia*, li l-konsumatur ma huwiex marbut bi klawżola inġusta u li huwa jiġi stabbilit mill-ġdid fil-pożizzjoni fid-dritt u fil-fatt li kien ikun fiha li kieku din il-klawżola ma kinitx eżistiet.

48. Skont it-tnax-il premessa tad-Direttiva 93/13, din id-direttiva tintroduċi armonizzazzjoni parzjali u minima tad-drittijiet nazzjonali li jirrigwardaw klawżoli inġusti, u tħalli lill-Istati Membri liberi, bil-kunsiderazzjoni tat-Trattat, sabiex joffru lill-konsumaturi livell ogħla ta' protezzjoni permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali iktar stretti minn dawk li jinstabu f'din id-direttiva. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 jirrifletti din l-idea.

49. Id-Direttiva 93/13 għalhekk ma hija tal-ebda ostakolu għal dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, jew ġurisprudenza nazzjonali li tinterpreta dawn id-dispożizzjonijiet, li jagħtu lill-konsumaturi drittijiet iktar estensivi minn dawk li jinstabu fiha. Stat Membru jista', ipotetikament, jippermetti lil min jissellef, fil-każ tal-annullament ta' kuntratt ta' self ipotekarju sussegwenti għat-tneħħija tal-klawżoli inġusti inklużi fih, sabiex iressaq talbiet kontra banek li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-menswalitajiet tas-self imħallsa skont il-kuntratt flimkien mal-ħlas tal-interessi moratorji legali. Hija għalhekk kwistjoni għall-qorti tar-rinviju sabiex tiddetermina, permezz ta' riferiment għad-dritt domestiku tagħha, jekk konsumaturi għandhomx id-dritt li jressqu tali talbiet ta' din in-natura u, jekk fl-affermativ, sabiex tiddeċiedi fuq il-merti tagħhom.

50. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, ġurisprudenza domestika u kummentaturi Pollakki ħafna drabi jinvokaw il-kunċett ta' arrikkiment indebitu bħala l-bażi legali għat-talbiet imsemmija iktar 'il fuq. F'din il-kawża, li kieku A.S., wara li Bank M. tkun ħallset lura l-menswalitajiet imħallsa skont il-kuntratt ta' self ipotekarju li ma kienx validu, ikun f'sitwazzjoni agħar bħala konsegwenza ta' dan il-kuntratt, tkun kwistjoni għall-qorti nazzjonali sabiex teżamina jekk kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet għal arrikkiment indebitu fid-dritt nazzjonali, sabiex tagħmel il-konstatazzjonijiet ta' fatt xierqa fir-rigward ta' din il-kwistjoni u sabiex tasal għall-konklużjonijiet neċessarji minnhom. Wieħed jista' jxebbah dan mas-sentenza Kanyeba *et*, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kwistjoni dwar jekk iċ-ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali f'dik il-kawża humiex, fil-fatt, tali li jaqgħu taħt id-dritt tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali kienet fil-portata tad-dritt nazzjonali, u mhux tad-Direttiva 93/13 [27].

[26] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2020, Banca B. (C-269/19, EU:C:2020:954, punti 37, 41 u 43).

[27] Sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Kanyeba *et* (C-349/18 sa C-351/18, EU:C:2019:936, punti 72 u 73).

51. Kif il-Kummissjoni osservat b'mod korrett fis-seduta, il-fatt li, f'sitwazzjoni bħal dik li tinstab quddiem il-qorti tar-rinviju, il-konsumaturi jistgħu teoretikament iressqu talbiet ibbażati fuq il-kunċett ta' arrikkiment indebitu skont id-dritt nazzjonali ma jfissirx li dawn it-talbiet għandhom jirnexxu. F'dawn il-kawżi, il-kundizzjonijiet li d-dritt Pollakk jistabbilixxi sabiex wieħed jirnexxi f'azzjoni għal arrikkiment indebitu għandhom ikunu ssodisfatti. Qrati nazzjonali jistgħu jeżerċitaw ukoll ġurisdizzjoni sabiex jiċħdu dawn l-azzjonijiet fejn dawn jikkostitwixxu abbuż ta' dritt.

52. Fil-fehma tiegħi, il-possibbiltà, skont id-dritt nazzjonali, li min jissellef jista' jressaq talbiet kontra bank li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-menswalitajiet tas-self imħallsa u l-ħlas tal-interessi moratorji fil-każ tal-annullament ta' kuntratt ta' self li fih hemm inklużi klawżoli inġusti ma tippreġudikax l-effettività tad-Direttiva 93/13. Għall-kuntrarju, din il-possibbiltà tista' tinkoraġġixxi lil min jissellef sabiex jeżerċita d-drittijiet li huwa jikseb minn din id-direttiva bħala konsumatur, filwaqt li jiskoraġġixxi lill-banek milli jintroduċu klawżoli inġusti fil-kuntratti tagħhom.

53. Huwa minnu, kif tosserva Bank M., li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 huwa dispożizzjoni obbligatorja intiża sabiex tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti b'bilanċ effettiv li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom [28]. Ma nemminx, madankollu, li l-possibbiltà, skont id-dritt nazzjonali, għal konsumatur sabiex iressaq talbiet kontra bejjiegħ jew fornitur li jmorru lil hinn mir-restituzzjoni tas-somom li dan tal-aħħar irċieva skont kuntratt iddikjarat null tippreġudika l-kisba ta' dan l-għan. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat fis-sentenza tagħha Banco Santander u Escobedo Cortés, isegwi kemm mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 kif ukoll mill-istruttura ġenerali ta' din id-direttiva li l-għan tagħhom ma huwiex daqs tant li jiżguraw bilanċ kuntrattwali globali bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet f'kuntratt iżda sabiex jevitaw li jinħoloq żbilanċ bejn dawn id-drittijiet u dawn l-obbligi għad-detriment tal-konsumaturi [29].

54. L-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni huma bbażati, *inter alia*, fuq l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13. Jidhirli li dak li huwa inkwistjoni f'din il-kawża ma huwiex regola nazzjonali li hija intiża sabiex issaħħaħ il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur li tikkonferixxi d-Direttiva 93/13, iżda pjuttost l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li huma ta' applikazzjoni ġenerali. Dispożizzjonijiet ta' din in-natura ma jikkostitwixxux miżuri li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 93/13 [30]. Jekk il-qorti nazzjonali tinterpreta dawn id-dispożizzjonijiet fis-sens deskritt fil-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet, din l-interpretazzjoni tkun madankollu konsistenti mal-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur li huwa mfittex mid-Direttiva 93/13.

55. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiena tal-fehma, bħal A.S., l-Ombudsman Finanzjarju, il-Gvern Pollakk u l-Gvern Portugiż [31], u l-Kummissjoni, li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux interpretazzjoni ġudizzjarja ta' dritt nazzjonali li, fejn kuntratt ta' self konkluż bejn konsumatur u bank ikun ikkonstatat li huwa null sa mill-bidu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, il-konsumatur, minbarra r-rimbors tas-somom imħallsa skont dan il-kuntratt u l-ħlas

[28] Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[29] Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander u Escobedo Cortés (C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643, punt 69).

[30] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Banco Santander u Escobedo Cortés (C-96/16 u C-94/17, EU:C:2018:643, punt 69).

[31] Il-Gvern Portugiż huwa tal-fehma li kemm il-konsumatur kif ukoll il-bank huma intitolati li jressqu dawn it-talbiet. Bank M. tiddikjara li l-partijiet tal-kuntratt ta' self huma intitolati "sabiex iressqu talbiet intiżi mhux li jiffavorixxu lill-konsumatur iżda sabiex jistabbilixxu mill-ġdid ugwaljanza reali bejn il-partijiet u, b'mod partikolari, sabiex jitolbu restituzzjoni tal-arrikkiment indebitu".

tal-interessi moratorji legali mid-data tat-talba għal rimbors, ikun jista' jressaq talbiet oħrajn kontra l-bank bħala konsegwenza ta' din il-konstatazzjoni. Hija kwistjoni għall-qorti nazzjonali sabiex tiddetermina, permezz ta' riferiment għad-dritt nazzjonali, jekk konsumaturi għandhomx id-dritt li jressqu dawn it-talbiet u, fl-affermattiv, sabiex tiddeċiedi dwar il-merti tagħhom.

3. It-talba tal-bank kontra l-konsumatur

56. Bank M. tiddikjara li hija intitolata li titlob minn A.S. mhux biss ir-rimbors tal-kapital tas-self ittrasferit flimkien mal-interessi moratorji legali, iżda wkoll remunerazzjoni għall-użu ta' dan il-flus mingħajr bażi kuntrattwali għal ċertu perijodu ta' żmien [32]. Bank M. ssostni li, billi għamlet disponibbli l-fondi lil A.S. għal ċertu numru ta' snin, hija pprovdietlu servizz ta' natura li ma hijiex pekunjarja bil-valur ekonomiku rispettiv tiegħu, distint mit-trasferiment tal-fondi [33]. It-talba tagħha għal tali remunerazzjoni hija bbażata essenzjalment fuq il-kunċett ta' arrikkiment indebitu.

57. Bħal fil-każ tal-konsumaturi, eżaminat iktar 'il fuq, hija, bħala prinċipju, kwistjoni għall-qorti nazzjonali sabiex tiddetermina, permezz ta' riferiment għad-dritt domestiku, jekk, wara l-annullament ta' kuntratt ta' self ipotekarju minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, bank huwiex intitolat li jressaq talbiet kontra konsumatur li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-kapital tas-self ittrasferit u l-ħlas tal-interessi moratorji legali. Madankollu, għall-kuntrarju tas-soluzzjoni li jiena nipproponi fir-rigward tat-talba ta' A.S., għar-raġunijiet stabbiliti iktar 'l isfel, jiena tal-opinjoni li Bank M. ma hijiex intitolata li tressaq dawn it-talbiet.

58. L-ewwel nosserva li kwalunkwe annullament ta' kuntratt ta' self ipotekarju jkun jirriżulta bħala konsegwenza tal-fatt li Bank M. tkun introdu ċiet klawżoli inġusti f'dan il-kuntratt. Kif il-Kummissjoni tissottometti b'mod korrett fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, billi jitqies il-prinċipju legali ġeneralment aċċettat *nemo auditur propriam turpitudinem allegans*, parti ma tistax tislet xi vantaġġ ekonomiku minn sitwazzjoni li hija ħolqot permezz tal-aġir illegali tagħha stess. B'mod partikolari, jekk bank isofri xi żvantaġġ wara l-annullament ta' kuntratt ta' self ipotekarju li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, ma għandux jingħata kumpens għal dan l-iżvantaġġ minħabba li dan irriżulta bħala r-riżultat esklużiv tal-aġir illegali tiegħu stess.

59. Sussegwentement jiena nosserva li jekk, f'sitwazzjoni bħal din li tirriżulta fil-kawża prinċipali, bank ikun jista' jressaq talbiet kontra konsumatur li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-kapital tas-self u l-interessi moratorji legali, b'mod partikolari remunerazzjoni għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali, dan ikun iċaħħad lid-Direttiva 93/13 mill-effettività tagħha u jwassal għal riżultat inkonsistenti mal-għanijiet li hija tfittex li tilħaq.

60. Kif A.S., il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Ombudsman Finanzjarju u l-Kummissjoni jiddikjaraw, din il-possibbiltà tista' tippreġudika l-effett dissważiv li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) tagħha, ifittex li jagħmel ma' konstatazzjoni tal-preżenza ta' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi bejn konsumaturi u bejjiegħa jew fornituri [34]. Dan jintwera mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Banco Español de Crédito, fejn din iddeċidiet li, li kieku kien possibbli għall-qrati nazzjonali li jirrevedu l-kontenut tal-klawżoli inġusti inklużi f'dawn il-kuntratti, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa jkun jista'

[32] Bank M. tidher li tinkludi wkoll f'din it-talba addizzjonali remunerazzjoni għal ċerti servizzi anċillari konnessi mal-ġestjoni mas-self ipotekarju, bħal, *inter alia*, l-ipproċessar tal-informazzjoni fl-applikazzjoni ta' self, l-eżaminazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' min jissellef, li jiġu irċevuti menswalitajiet tas-self, il-monitoraġġ tal-bilanċi u l-aġġornament taċ-ċedola.

[33] Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-maġġorparti tal-kummentaturi Pollakki jikkunsidraw li din id-distinzjoni hija artifiċjali, u li hemm biss servizz wieħed, jiġifieri t-trasferiment tal-fondi.

[34] Ara wkoll punt 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

jikkompromettі l-kisba tal-għan fit-tul tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13. Bejjiegħa jew fornituri jibqgħu mħajra jużaw klawżoli inġusti bl-għarfien li, anki jekk ikunu ddikjarati nulli, il-kuntratt ikun jista' jiġi mmodifikat mill-qorti nazzjonali b'tali mod li jipproteġi l-interess ta' dawn il-bejjiegħa jew fornituri. Din is-setgħa għalhekk tkun tista' tikkontribwixxi sabiex telimina l-effett dissważiv fuq bejjiegħa jew fornituri tas-sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni tal-klawżoli inġusti lill-konsumaturi [35]. B'mod simili, f'każ bħal din il-kawża, il-bank ma jkunx skoraġġit milli juża klawżoli inġusti fil-kuntratti ta' self tiegħu mal-konsumaturi jekk, minkejja l-annullament ta' dawn il-kuntratti, ikun jista' jimponi fuq il-konsumaturi remunerazzjoni fir-rata tas-suq għall-użu tal-kapital tas-self. Din is-sitwazzjoni tista' wkoll tagħmilha profitabbli għall-bank sabiex jimponi klawżoli inġusti fuq il-konsumaturi. Tal-inqas, ikun hemm tnaqqis sinjifikattiv fir-riskju ekonomiku li l-bank jidħol fih meta jagħmel dan.

61. A.S. u l-Ombudsman Finanzjarju jiddikjaraw ukoll b'mod korrett li, jekk bank ikun intitolat sabiex iressaq talbiet kontra konsumatur li jmorru lil hinn mir-rimbors tal-kapital tas-self u l-interessi moratorji legali, dan ikun jista' jippreġudika l-effettività tal-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi. F'din il-kawża, mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali ta' A.S. u Bank M. jidher li t-talba ta' din tal-aħħar kontra dak tal-ewwel fir-rigward tar-remunerazzjoni għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali hija ta' PLN 192 812.51 (madwar EUR 41 484.26), ekwivalenti għal madwar żewġ terzi tal-kapital tas-self. Fis-seduta, l-Ombudsman Finanzjarju ddikjara li kien konxju ta' kawżi fil-Polonja li fihom l-ammont ta' remunerazzjoni li l-banek talbu mill-konsumaturi kien jeċċedi dak tal-kreditu mogħti. Li tagħmel l-abbiltà tal-konsumaturi li jilliberaw lilhom innifishom mill-klawżoli inġusti suġġetta għall-ħlas ta' livell tant għoli ta' remunerazzjoni huwa probabbli li jwassal għal sitwazzjoni fejn ikun aħjar għalihom li jeżegwixxu l-kuntratt li inkluda l-klawżola inġusta milli jitolbu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 93/13. Barra minn hekk, kif A.S. iddikjara fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tiegħu, minħabba n-natura mhux ċara, kumplessa u diskrezzjonarja tal-kriterji li fuqhom il-banek jagħmlu l-kalkoli tagħhom, min jissellef ma jkunx ġeneralment f'pożizzjoni li jevalwa bi preċiżjoni suffiċjenti l-ammont li l-bank ikun jista' jitlob mingħandu qabel ma jiddeċiedi jekk huwiex fl-interessi tiegħu li jikkontesta l-legalità tal-klawżoli inġusti. Jista' jiżdied ukoll li l-banek, bħal Bank M. f'din il-kawża, ġeneralment ikunu tal-fehma li s-somom allegatament dovuti mill-konsumaturi bħala remunerazzjoni għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali huma pagabbli immedjatament. B'kuntrast, fil-każ ta' kuntratt ta' self, menswalitajiet jiġu dovuti f'intervalli regolari, u b'dan il-mod jippermettu lil min jissellef sabiex jippjana l-ħlas lura tiegħu. Dawn il-fatturi kollha huma tali li jiskoraġġixxu lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija lilhom bid-Direttiva 93/13.

62. Jiena tal-opinjoni wkoll li l-argument li ressqu Bank M. u l-Bord Superviżorju Finanzjarju fis-sens li jekk il-bank ma huwiex intitolat sabiex jitlob remunerazzjoni minn A.S. għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali, dan iwassal sabiex huwa jiġi offrut "kreditu b'xejn" sabiex jibni dar, ma jistax jiġi aċċettat. L-ewwel, din is-sitwazzjoni hija l-konsegwenza normali tal-annullament *ex tunc* tal-kuntratt ta' self mat-tneħħija tal-klawżoli inġusti inklużi fih. It-tieni, kif il-Gvern Pollakk jiddikjara b'mod korrett fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-fatt li l-bejjiegħ jew il-fornitur jitlef il-profitt antiċipat mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' self fil-każ ta' ksur tal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni ma huwiex kunċett ġdid tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Pereżempju, fis-sentenza f'Home Credit Slovakia, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat in-natura proporzjonata ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li

[35] Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 69).

pprovdiet għall-konfiska mill-kreditur ta' intitolament għall-interessi u għall-ispejjeż fil-każ ta' nuqqas li tiġi inkluża f'kuntratt ta' kreditu xi informazzjoni meħtieġa mid-Direttiva 2008/48 [36].

63. Bank M. u l-Bord Superviżorju Finanzjarju jsostnu wkoll li l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji fil-Polonja u madwar l-Unjoni tkun mhedda li kieku l-banek ikunu mċaħħda mill-possibbiltà li jitolbu remunerazzjoni għall-użu tal-kapital tas-self mingħajr bażi kuntrattwali f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Dan l-argument ma għandu l-ebda piż fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13, li l-għan tagħha ma huwiex sabiex iżżomm l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji iżda, fuq kollox, sabiex tipproteġi lill-konsumaturi. Fi kwalunkwe każ, bħala ħlejqiet tal-liġi, il-banek għandhom id-dover li jorganizzaw in-negozju tagħhom b'tali mod li josserva d-dispożizzjonijiet kollha tagħha.

64. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiena nagħti parir lill-Qorti tal-Ġustizzja, bħal A.S., il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Ombudsman Finanzjarju, il-Prosekutur Pubbliku ta' Varsavja – Distrett ta' Śródmieście [37], il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni, li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom ikunu interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni ġudizzjarja tad-dritt nazzjonali li skontha, fejn kuntratt ta' self konkluż bejn konsumatur u bank ikun instab li huwa null mill-bidu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, il-bank, minbarra r-rimbors tas-somom imħallsa skont dan il-kuntratt u l-ħlas tal-interessi moratorji legali mid-data tat-talba għal rimbors, jista' jressaq talbiet addizzjonali kontra l-konsumatur bħala konsegwenza ta' din il-konstatazzjoni.

V. Konklużjoni

65. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie (il-Qorti Distrettwali, Varsavja – Śródmieście, Varsavja, il-Polonja) kif ġej:

(1) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur

għandhom ikunu interpretati fis-sens li ma jipprekludux interpretazzjoni ġudizzjarja tad-dritt nazzjonali li skontha, fejn kuntratt ta' self konkluż bejn konsumatur u bank ikun instab li huwa null mill-bidu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, il-konsumatur, minbarra r-rimbors tas-somom imħallsa skont dan il-kuntratt u l-ħlas tal-interessi moratorji legali mid-data tat-talba għal rimbors, jista' jressaq talbiet addizzjonali kontra l-bank bħala konsegwenza ta' din il-konstatazzjoni.

Hija kwistjoni għall-qorti nazzjonali sabiex tiddetermina, permezz ta' riferiment għad-dritt nazzjonali, jekk il-konsumaturi għandhomx id-dritt li jressqu dawn it-talbiet u, fl-affermattiv, sabiex tiddeċiedi fuq il-merti tagħhom.

(2) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13

[36] Direttiva 2008/48 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifiki fil-ĠU 2009, L 207, p. 14, ĠU 2010, L 199, p. 40, u fil-ĠU 2011, L 234, p. 46). Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2016, Home Credit Slovakia (C-42/15, EU:C:2016:842, punt 71) u, b'mod simili, id-Digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Pohotovosť (C-76/10, EU:C:2010:685, punt 76).

[37] Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Prosekutur Pubbliku ta' Varsavja – id-Distrett ta' Śródmieście huma tal-fehma li la l-konsumatur u lanqas il-bank ma huma intitolati li jressqu dawn it-talbiet.

għandhom ikunu interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni ġudizzjarja tad-dritt nazzjonali li skontha, fejn kuntratt ta' self konkluż bejn konsumatur u bank ikun instab li huwa null mill-bidu minħabba li fih hemm inklużi klawżoli inġusti, il-bank, minbarra r-rimbors tas-somom imħallsa skont dan il-kuntratt u l-ħlas tal-interessi moratorji legali mid-data tat-talba għal rimbors, jista' jressaq talbiet addizzjonali kontra l-konsumatur bħala konsegwenza ta' din il-konstatazzjoni.